MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2011

Avviz Numru. 160/2011

**Riccardo Samham (I.D. Nru. 337505L)**

**Vs**

**Philip Petroni (I.D. Nru. 134652M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta’ Philip Petroni pprezentat fis-17 ta’ Mejju 2011, permezz ta’ liema jitlob lil din il-Qorti sabiex: (i) tirrevoka l-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju bin-Numru 1421/11 fl-ismijiet “Riccardo Samham v. Philip Petroni”; u (ii) tikkundanna lil Riccardo Samham ihallas penali skond l-Artikolu 836(8)(d) minhabba li t-talba tieghu hija maghmula b’malizzja u hija frivola u vessatorja;

Rat ir-Risposta ta’ Riccardo Samham permezz ta’ liema jopponi ghat-talbiet tar-rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-rikorrent, ghaliex: (i) fl-ewwel lok din il-Qorti ma hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiehu

konjizzjoni ta’ dan ir-Rikors, u ghalhekk l-istess Rikors hu proceduralment monk u null; (ii) fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, it-talba promossa minn Philip Petroni hija in ogni kaz infondata u ma tistax tintlaqa’; u (iii) it-talba ghall-hrug tal-Mandat ma hijiex malizzjuza, frivola jew vessatorja u ghalhekk ma ghandux ikun ikkundannat ihallas ebda penali;

Rat l-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju bin-Numru 1421/11, allegati ma’ l-atti ta’ dawn il-proceduri in segwitu ghal ordni ta’ din il-Qorti moghti fit-8 ta’ Awissu 2011;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent u ta’ l-intimat moghtija waqt is-seduta tat-8 ta’ Awissu 2011 u rat id-dokumenti li gew esebiti u markati bhala Dok. “RS1”, Dok. “GV1” u Dok. “GV2”;

Semghet it-trattazzjoni tar-Rikors da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-procedura odjerna r-rikorrent jitlob *inter alia* r-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju bin-Numru 1421/11 fl-ismijiet “Riccardo Samham v. Philip Petroni” ottenut kontra tieghu mill-intimat, in bazi ghall-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-intimat jopponi ghat-talba ghar-revoka tal-Mandat in kwistjoni bl-eccezzjoni preliminari li *dina l-Onorabbli Qorti mhijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni ta’ dan ir-rikors; u ghalhekk dan ir-rikors huwa proceduralment monk u null*.

Fid-dawl ta’ l-import ta’ din l-eccezzjoni preliminari, ma hemmx dubju li l-istess ghandha tigi trattata qabel il-mertu proprio tar-Rikors in ezami.

In sostenn ta’ l-eccezzjoni preliminari tieghu l-intimat jikkontendi li ladarba kontestwalment mat-talba ghall-hrug

tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju fil-konfront tar-rikorrent, gietipprezentata l-azzjoni civili opportuna quddiem din il-Qorti, it-talba ghar-revoka ta’ tali mandat kellha, a tenur ta’ dak provdut fl-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, issir permezz ta’ Rikors ipprezentat fl-atti ta’ dik il-kawza.

Waqt it-trattazzjoni tar-Rikors ir-rikorrent irribatta din il-kontestazzjoni ta’ l-intimat bis-segwenti zewg argumenti: (i) l-ewwel li sar jaf bil-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju ottenut mill-intimat kontrih kien tramite l-bank tieghu u mhux b’notifika formali, bil-konsegwenza li meta pprezenta r-Rikors odjern – li sar b’certa urgenza – kien ghadu ma jafx li l-intimat kien già fetah kawza kontra tieghu; u (ii) fi kwalunkwe kaz il-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija Qorti wahda, indipendentement mill-fatt jekk il-Qorti quddiem liema tinsab pendenti l-kawza hijiex presjeduta minn Magistrat iehor, u b’hekk ir-Rikors odjern ghandu jigi determinat minn din il-Qorti.

L-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, <u>jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza</u>[1] li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f’parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin….*

Dan l-artikolu tal-Ligi huwa ferm car u ma jhalli lok ghal ebda interpretazzjoni ulterjuri ta’ dak hemm dispost. Jekk it-talba ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju issir wara li tkun giet intavolata l-azzjoni opportuna mill-kreditur fil-konfront tad-debitur, id-debitur ghandu jipprezenta t-talba tieghu – bir-Rikors opportun – fl-atti ta’ dik il-kawza. Il-logika wara din id-disposizzjoni tal-Ligi hija evidenti: la l-kawza hija intrinsikament marbuta mal-kawzali fuq liema jkun gie ottenut mandat kawtelatorju mill-kreditur kontra id-debitur, huwa bil-wisq gust u logiku li talba ghar-revoka

[1] Sottolinear tal-Qorti.

ta' dak il-mandat, u anke talba ghall-kundanna hlas ta' penali fejn din issir, issir fl-atti ta' dik il-kawza.

Mill-atti processwali u mill-atti tal-Mandat ta' Sewkestru in kwistjoni, allegati ma' l-atti ta' dawn il-proceduri b'ordni tal-Qorti, jirrizulta li fl-10 ta' Mejju 2011, kontestwalment mar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat kawtelatorju kontra Philip Petroni, Riccardo Samhamipprezenta azzjoni civili quddiem din il-Qorti permezz ta' Rikors fl-ismijiet "Riccardo Samham v. Philip Petroni" bin-numru 152/11CSH. Ir-Rikors odjern gie ipprezentat fis-17 ta' Mejju 2011, jigifieri wara li giet ipprezentata l-kawza imsemmija u ghalhekk, a tenur ta' dak kjarament provdut fl-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ir-Rikors necessarjament kellu jigi pprezentat fl-atti ta' dik il-kawza.

Ghalkemm huwa veru li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija Qorti wahda indipendentement mill-identità tal-Magistrati individwali li jippresjeduha u ghalkemm il-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, ma ghandux però jithalla ghaddej kollox jew li jigi inkoraggit permissivizmu ingustifikat fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, u ghaldaqstant jigi ribadit li r-Rikors odjern kellu jigi ipprezentat fl-att tal-kawza fl-ismijiet "Riccardo Samham v. Philip Petroni" bin-numru 152/11CSH .

Il-fatt li fil-mument li pprezenta r-Rikors odjern ir-rikorrent seta' kien ghadu mhux formalment notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-Numru 1421/11, ma jbiddel assolutament xejn u dak dispost fl-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jibqa' japplika. Dan japplika b'mod partikolari meta, bhal fil-kaz in ezami, it-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ssir quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-dawl ta' dak dispost fl-Artikolu 848 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 848 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta – rez applikabbli ghall-Mandati ta' Sekwestru kawtelatorji bis-sahha ta' l-Artikolu 848A(4) tal-Kap.12 tal-Ligjiet ta' Malta – jiddisponi li *bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 466 u 467 ghal dawk li huma krediti tal-Gvern, fil-Qorti tal-*

*Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha inferjuri, il-mandat ta' qbid ma jigix mahrug kemm-il darba l-mandat ma jsirx flimkien ma' talba sabiex il-kreditu jew il-pretensjoni jigu kanonizzati b'sentenza u sakemm il-kreditu jew il-pretensjoni ma jkunux iktar minn elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69)*[2] *jew it-talba ghall-hrug ta' dak il-mandat hi ghal xi haga li, kif jinghad, hi l-proprjetà tal-persuna li tkun qed tohrog il-mandat.*

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li biex il-Qorti tal-Magistrati (Malta) takkorda l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju, flimkien mat-talba ghall-hrug tal-Mandat il-kreditur irid iressaq talba sabiex il-kreditu jew il-pretensjoni tal-kreditu tieghu jigu kanonizzati b'sentenza. Dana jfisser li meta jinhareg Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju taht l-awtorità ta' din il-Qorti, il-probabilità li tkun saret kawza mill-kreditur kontra d-debitur hija wahda notevoli, ghad li mhux assoluta billi llum it-talba tista' ssir a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u d-debitur, inkluz ghalhekk ir-rikorrent – ghandu ghandu jaghmel il-verifiki opportuni – verifiki li llum il-gurnata jistghu jsiru facilment – sabiex jiddetermina jekk saritx kawza jew inkella ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kontrih. Ma hemm ebda skuza li tiggustifika n-nuqqas ta' verifika da parte tad-debitur sabiex ikun jista' debitament jirregola ruhu f'kaz li jkun ser jikkontesta l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju in kwistjoni u jitlob ir-revoka tieghu.

Ghalkemm ir-rikorrent kellu ai termini tal-Ligi jressaq it-talba tieghu ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-Numru 1421/11 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Riccardo Samham v. Philip Petroni" Rik. Nru. 152/11CSH, il-fatt li dan ma ghamlux ma jfissirx li r-rikors odjern hu proceduralment monk u null kif donnu pretiz mill-intimat fir-Risposta tieghu. Fil-fehma tal-Qorti s-soluzzjoni gusta ghal din il-kwistjoni hija wahda u cioè, li filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent, tibghat l-atti tar-Rikors odjern lir-Registratur tal-

[2] Sottolinear tal-Qorti.

Qorti sabiex l-istess jintbaghtu quddiem il-Qorti li qed tittratta l-kawza fl-ismijiet "Riccardo Samham v. Philip Petroni" Rik. Nru. 152/11CSH.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent, tordna li l-atti ta' dan ir-Rikors jintbaghtu lir-Registratur tal-Qorti sabiex l-istess jintbaghtu quddiem il-Qorti li qed tittratta l-kawza fl-ismijiet "Riccardo Samham v. Philip Petroni" Rik. Nru. 152/11CSH.

L-ispejjez jibqghu riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------